

**Dispożittiv**

- 1) Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tal-25 ta' Settembru 2012, *Bermejo Garde vs KESE (F-41/10)*, hija annullata sa fejn hija tiċħad it-talbiet ta' *Moises Bermejo Garde* intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) Nru<sup>o</sup> 133/10 A, tal-24 ta' Marzu 2010, li twaqqfu milli jeżerċita l-funzjonijiet preċedenti tiegħu u tad-deċiżjoni tal-KESE Nru 184/10 A, tat-13 ta' April 2010, dwar l-assenjazzjoni mill-ġdid tiegħu.
- 2) Il-kumplament tal-appell huwa miċħud.
- 3) Il-kawża qiegħda tintbagħat lura quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.
- 4) L-ispejjeż huma rriżervati.

(<sup>1</sup>) ĠU C 55, 23.02.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ottubru 2014 – Alpiq RomIndustries u Alpiq RomEnergie vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-129/13) (<sup>1</sup>)

(“*Għajjnuna mill-Istat — Elettriku — Tariffi preferenzjali — Deċiżjoni li tinftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108 (2) TFUE — Rikors għal annullament — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Miżura ta' għajjnuna totalment eżegwita fid-data tal-preżentata tar-rikors — Inammissibbiltà*”)

(2014/C 421/49)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Alpiq RomIndustries Srl (Bukarest, ir-Rumanija) u Alpiq RomEnergie Srl (Bukarest) (rappreżentanti: H. Wollmann u F. Urlesberger, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: É. Gippini Fournier, T. Maxian Rusche u R. Sauer, aġenti)

**Suġġett**

Talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2012) 2542 finali, tal-25 ta' April 2012, li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE dwar l-għajjnuna mill-Istat SA 33451 (2012/C) (ex 2012/NN) – Ir-Rumanija – Tariffi preferenzjali f'kuntratti bejn Hidroelectrica SA u fornituri tal-elettriku.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Alpiq RomIndustries Srl u Alpiq RomEnergie Srl huma kkundannati għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 141, 18.05.2013.